MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Numru 340/2008

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DOTTOR SAVIOUR DEMICOLI LL.D., M.Phil.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**Michael Portelli**

**Illum 30 ta’ April, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Michael Portelli ta’ 24 sena bin Mario u Doris nee’ Grima, imwieled Pieta’ fis-27 ta’ April 1983, u residenti Flt. No. 7, Binja ta’ Faqqani, Ent. A, Triq Dawret it-Torri, Sta Lucija detentur tal-karta ta’ l-identita’ b’numru 252483M gie akkuzat talli:

Nhar it-18 ta’ April, 2008 bejn is-7.30 am u s- 3.00pm minn go vettura Nru. AJG 463 ta’ Ghamla Isuzu li kienet ipparkjata fi Triq Dawret it-Torri, Sta. Lucija ikkommetta serq ta’ basket li kien fih, ‘wallet’, ktieb tal-Bank ‘H.S.B.C.’, ktieb tal-ircevuti tal-V.A.T., ‘cheque book tal-H.S.B.C., karta ta’ identita Nru 164563(M) mahruga f’ isem Angelo Magri u affarijiet ohra, ghad-dannu ta’ l-istess Angelo Magro u tal-H.S.B.C. liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikoli 261(g) u 271(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, f’ hinijiet differenti minn go postijiet differenti cioe f’ Rahal Gdid, Hal Tarxien u l-Fgura u postijiet ohra, b’ mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlel uzu ta’ isimijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamel qliegh ta’ € 3,089 cioe Lm 1, 328 ghad-dannu ta’ Angelo Magri mill Qrendi, Ghad-Dannu tal- H.S.B.C. u ghad-dannu ta’ persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkustanzi b' diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminjijiet differenti, li jiksru dispozzizjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta' artikolu nru. 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat fuq akkont ta' terzi persuni b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu iffurmati, inkella billi ziedet jew bidel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturti kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe Cheque book tal-H.S.B.C. u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentament ghamel uzu minn att, kitba jew skritturi foloz, jigifieri Cheque book u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu komplici billi, xjentement ghen jew assista lil awtur jew lil awturi tad-delitti imsemmija fl-atti li bihom id-delitt ikun gi ppreparat jew ikkunsmat u dan bi ksur tal-artikolu 42 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f' dawn il-Gzejjer, xjentament xtera jew laqgha ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b' kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MP1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza ta' l-Avukat Difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-presenza ta' l-Avukat Difensur tieghu, rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qed jobbliga ruhu li jhallas lill-parte civile s-somma ta' Euro. 1794 ekwivalenti ghal- Lm 770.38 fi zmien sitt xhur millum.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum Dr. Charmaine Cherrett ghall-parte civile Angelo Magri u PL. Adrian Borg ghall-HSBC Bank Malta plc iddikjaraw li jaqblu in kwantu ghall-ammont imsemmi mill-imputat u ghall-modalita' ta' hlas issuggerita mill-istess imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 261(g), 271(g), 308, 309, 183, 184, 42 u 334 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Michael Portelli, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Michael Portelli ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija, u tordna li din is-

Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin mill-lum l-imputat Michael Portelli jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Michael Portelli l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------